MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 4/2002/3

**John Said**

**-vs-**

**Michael Bugeja**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Michael Bugeja minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali, fit-8 ta' Mejju 2008 li laqghet it-talbiet tal-attur u kkundannat lill-konvenut

ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef sitt mija u erba u tletin euro (€4,634), bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi $^2/_3$ ghall-konvenut u terz $^1/_3$ ghall-attur stante li d-danni reklamati minnu difficilment setghu jissuperaw il-kompetenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni inferjuri.

Appella wkoll incidentalment minn din is-sentenza l-attur u dan fir- rigward tal-ispejjez akkollati lilu.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:
"Il-Qorti,

"PRELIMINARI

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

"Illi fl-erbgħa (4) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) għal ħabta tas-1l.15 a.m. fit-Teasers Pub li jinsab fi Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex, l-attur John Said ġie aggredit mill-konvenut Michael Bugeja li ħebb għalih u sawtu għal xejn b'xejn;

"Illi minħabba dan l-inċident l-attur sofra għadd ta' ġrieħi fosthom ġriehi fid-dentatura illi huma ġrieħi ta' natura permanenti ;

"Illi għalhekk minħabba dan l-inċident u minħabba dawn l-istess ġrieħi, l-attur sofra għadd ta' danni konsistenti f'danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti;

"Illi l-attur irid li dawn id-danni jiġu likwidati u kull meta talab lill-konvenut sabiex jersaq għal tali likwidazzjoni dana baqa' inadempjenti.

"Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjarah responsabbli għall-inċident tal-erbgħa (4) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) fuq imsemmi fejn l-attur safa aggredit u msawwat mill-istess konvenut;

“2. tillikwidah, jekk hemm bżonn permezz ta’ esperti nominandi, dawk id-danni sofferti mill-attur kawża ta’ dan l-istess inċident;

“3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas dawk id-danni hekk likwidati lill-attur.

“Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, mibgħuta lill-konvenut u bl-interessi skond il-Liġi sad-data tal-eventwali pagament effettiv.

“Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti msejjaħ.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur minnu maħlufa.

“Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

“1. Illi preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti “ratione valoris”.

“2. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili:

“3. Illi bla preġudizzju għall-premess, mhux minnu li l-eċċipjent ħebb għall-attur għal xejn b’xejn imma għamel dan biex jiddefendi lil ibnu u lil mara ta’ ibnu.

“4. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-attur ikkontribwixxa sostanzjalment għall-ħsara li setgħet saritlu.

“Salvi eċċezzjoni ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

“Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-30 ta' Jannar 2004 dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris.*

“Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2006 fejn innominat lid-dentist Mr. Joseph Xuereb bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-ferita li ġarrab l-attur fl-inċident mertu tal-kawża.

“Rat ir-relazzjoni tal-istess espert ippreżentata fl-20 ta' Frar 2007 u minnu maħlufa l-għada stess.

“Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Novembru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għall-inċident illi nqala' waqt illi l-kontendenti kienu f'*night club* ix-Xagħra, fis-siegħat bikrin tal-4 ta' Gunju 2000. Mhux kontestat li l-attur qala' daqqa ta' ponn f'wiċċu mingħand il-konvenut, bil-konsegwenza li nqalgħetlu sinna minn ta' quddiem li kellha titneħħa u tiġi sostitwita b'waħda artifiċjali. Il-konvenut jikkontesta r-responsabbilita`, għax isostni illi huwa rreaġixxa b'*leġittima difesa* u l-attur ikkontribwixxa sostanzjalment għall-ħsara li saritlu.

“FATTI

“L-inċident mertu ta' din il-kawza nqala' meta l-konvenut kien qieghed flimkien ma’ uliedu u l-mara ta' ibnu jixorbu fit-*Teasers Pub* ix-Xaghra, meta f'hin minnhom ibnu u l-mara tiegħu ħarġu jiżfnu. Waqt li kienu qegħdin hekk jiżfnu, l-attur avviċina lill-mara ta' iben il-konvenut u qalilha xi ħaġa f'widnitha. Fi kliem il-konvenut stess, imbagħad: "*it-tifel tiegħi mbuttah kemm kemm u John Said mar għalih biex itih u jien kif rajtu sejjer itih mhux se nħallih itih, mort jien u tajtu daqqa ta' ponn*." [1]

“RESPONSABILITA`

[1] Ara depożizzjoni tal-konvenut a fol. 81 tal-process

"Il-konvenut jikkontendi illi dak li għamel kien biex jirrespinġi l-aggressjoni tal-attur. Kif tajjeb intqal mill-Qrati tagħha: "*Fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkordata l-iskriminanti tal-leġittima difiża hemm il-fattur tal-inevitabbilita', u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma tistax tingħata dik l-iskużanti*." [2] Imma, ħlief għal din l-allegazzjoni tal-konvenut, ma rriżulta minn imkien illi l-attur kien tassew ħebb għat-tifel tal-konvenut, wara li dan kien imbuttah. L-attur ċaħad kategorikament li ħebb għal xi ħadd mill-familja tal-konvenut,[3] u għalkemm iben il-konvenut, martu u oħtu, allegaw li kien l-attur li mbuttah,[4] jinsabu kontradetti f'dan mix-xhieda tal-konvenut innifsu li, kif rajna, stqarr illi kien ibnu stess li mbotta lill-attur, u mhux viċe-versa. Terġa' billi kien ukoll xi ftit xurban,[5] l-ewwel reazzjoni tal-konvenut kienet li jagħti daqqa ta' ponn lill-attur, minflok ma pprova jikkalma l-affarijiet, kif wieħed kien pjuttost jistenna minn persuna iżjed matura. Għaldaqstant huwa evidenti li dan żgur ma kienx każ ta' *leġittima difesa*.

"Il-konvenut jikkontendi wkoll illi l-attur innifsu kkontribwixxa sostanzjalment għall-ħsara li setgħet saritlu. Huwa minnu illi dan l-inċident ġie b'xi mod ipprovokat bil-fatt illi kien l-attur li pprova jindieħes ma' mart it-tifel tal-konvenut, imma r-reazzjoni għaliha kienet ghal kollox sproporzjonata. Il-kontendenti ma jidhirx illi kienu jafu 'l xulxin qabel ma nqala' dan l-inċident, u allura l-attur ma seta' kellu ebda mezz biex ikun jaf illi Loreta Bugeja kienet miżżewġa meta huwa aviċinaha u kellimha. Għalhekk ma jidhirx illi qatt seta' basar illi l-aġir tiegħu, wieħd pjuttost normali f'ambjent ta' *night club*, fejn iż-żgħażagħ imorru biex jiltaqgħu ma' xulxin, kien ser iwassal għall-agressjoni li ġarrab.

"Ġialadarba rriżulta sodisfaċentement illi l-azzjoni tal-konvenut ma kenitx waħda leġittima, jiġi illi huwa ċivilment responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkaġunata permezz

---

[2] Appell Krim. pulizija vs Emily Zarb:15.2.1958
[3] ara depożizzjoni tiegħu in kontro-eżami tat-22 ta' Ottubru 2007.
[4] Ara affidavit ta' Dorianne Bugeja a fol. 93, xhieda ta' Josef Bugeja tat-22.10.2007 u xhieda ta' Loretta Bugeja tal-15.11.2007
[5] ara depożizzjoni tal-konvenut

tal-agir tiegħu, u dan a bażi tal-prinċipju illi kull azzjoni kriminali tagħti lok ukoll għall-azzjoni ċivili għad-danni.[6]

"LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

"Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[7] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita` ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[8]

"Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

"A. **Damnum Emergens:**

Dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneġġjat u mhux soltu jagħtu lok għal kontroversja. Fil-każ preżenti, l-ispejjeż inkorsi mill-attur, skond ma jirriżulta mir-riċevuti minnu esebiti fil-kors tas-smiegħ tal-kawża,[9] kienu jikkonsistu fi spejjeż ammontanti għal total ta' disa' mija u ħmistax-il lira maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm915.88), kollha konnessi mal-kura li kellu jieħu l-attur, l-ewwel fi sforz li tiġġi salvata is-sinna danneġġjata, u mbagħad meta dan irriżulta inutili, sabiex

[6] art. 3 Kodiċi Kriminali (Kap.9)
[7] Savona vs Asphar: Appell : 23.6.1952
[8] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019
[9] ara Dokti. JS 1 sa JS.12 a fol. 86 - 89 tal-process .

isir *implant* ta' waħda artifiċjali in sostituzzjoni tagħha.[10] Ma jidher illi hemm ebda kontroversja dwar dawn l-ispejjeż, anzi l-konvenut fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu jaċċettaw il-ħtieġa ta' din il-kura u l-veraċita` tal-ispiża relattiva. Għaldaqstant jiġi illi d-danni attwali l-attur sofra: Lm915.88, (fi flus korrenti: Ewro 2134), huma ripetibbli .

"B. **Lucrum Cessans**: Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti tal-Appell: "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'***.**[11]

"Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

"*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita`. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda revżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta`."*[12]

"Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Madankollu fil-każ in eżami ma ġiet stabilita ebda perċentwali ta' diżabilita` permanenti fl-attur li tista' tittieħed bħala bażi għall-

[10] ara f'dan ir-rigward ix-xhieda tad-dentista Dr. Tania Camilleri a fol. 66 - 68, u ta' Dr. Mark Sciberras a fol. 69 - 72
[11] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell: 15.1.2002
[12] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et : Appell : 20.7.1994

likwidazzjoni tad-danni, kkalkolata fuq dan il-metodu. Fir-rapport tiegħu l-espert mediku qal biss f'dan ir-rigward illi: "*The implant-supported fixed replacement provided is the modern treatment of choice although it will never replace the natural tooth completely satisfactorily. The risk of failure, with subsequent loss of the prosthetic tooth, is slight but, nevertheless, present*."[13] Imbagħad, in eskussjoni, kompla jispjega illi: "In kwantu ta' disability, ma jkunx hemm persentaġġ ta' disability, għaliex to all intents and purposes, hija xi ħaġa li tissostitwixxi s-sinna normali naturali. Pero`, jista' jkun illi l-life span ta' din is-sinna li tissostitwixxi s-sinna naturali, ma jkunx twil daqs kemm kieku tkun ta' sinna naturali…. Jista' jkun li xi darba terġa' tinbidel, terġa' ssir proċedura oħra, kemm biex titneħħa din, u kemm biex tiġi sostitwita."[14]

“F'tali ċirkostanzi jkun għalhekk ġust u ekwu illi tiġi ffissata somma *arbitrio boni viri* li għandha tagħmel tajjeb għal din is-sitwazzjoni li jinsab fiha l-attur. Fil-fehma tagħha, kunsidrat ukoll l-ispejjeż inkorsi mill-attur sabiex għamel din is-sinna artifiċjali u l-inflazzjoni, somma ta' elfejn u ħames mitt (2500) ewro għandha tkun adegwata għal dan il-fini.

“RI-EPILOGU

“Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attur in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| “1. | Damnum emergens: | ewro 2134 + |
| “2. | Lucrum Cessans: | ewro 2500 |
| | - Total ta’: | ewro 4634. |

“Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' t-talbiet attriċi u:

[13] ara rapport peritali a fol. 102
[14] ara xhieda tieghu tat-12 ta' Gunju 2007.

“1. tiddikjara lill-konvenut Michael Bugeja unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;
“2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' erbat’elef sitt mija erba' u tletin (4634) ewro ; u

“3. tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur.

“In vista ta' dak li ngħad fis-sentenza preliminari tagħha tat-30 ta' Jannar 2004, u peress illi seta' kien evidenti għall-attur illi d-danni reklamati diffiċilment setgħu jissuperaw il-kompetenza ta' Qorti inferjuri, jidhrilha illi għandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż, u għalhekk tordna illi dawn l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenut u terz mill-attur stess.”

**Rikors tal-appell tal-konvenut**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fit-28 ta’ Mejju 2008. Fil-qosor, l-aggravji tal-konvenut huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; ghalhekk is-sentenza hija nulla fil-parametri tas-subinciz (1)(c) tal-Artikolu 789 tal-Kap. 12.
*2.* Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti bbazat l-parti decisiva tas-sentenza fejn sabet ir-responsabbilita` tal-konvenut fuq presupposti li fattwalment ma jirrizultawx mill-atti. Ghalhekk is-sentenza ma gietx deciza *iuxta allegata et probata.*
3. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-fatti. Hi emmnet lill-attur meta dan kien qieghed imieri s-sewwa maghruf u gudizzjarjament stabbilit kemm quddiemha kif ukoll f’sede penali. Inoltre l-ewwel Qorti addossat ir-responsabbilita` kollha fuq il-konvenut minflok ma gharfet li kull ma ghamel kien li mar jiddefendi lil ibnu. Lanqas ma gharfet li kien il-gest tal-attur li kien ipprovoka l-incident.

4. Bla pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti llikwidat ammont esagerat ta' danni; biss biss, dejjem skond il-konvenut appellant, is-sinna giet tiswa xejn inqas minn kwazi Lm1,000. Inoltre l-ewwel Qorti dehrilha li kellha takkorda wkoll somma sahansitra ikbar minn dik li l-attur nefaq fuq is-sinna, ghal danni futuri bazati fuq possibilitajiet zghar, remoti jew *slight.*
5. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti akkollat terz tal-ispejjez lill-attur, meta dawn kellhom ikunu ferm aktar minn terz.

Ghalhekk il-konvenut talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju 2008 u minflok tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu, u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat John Said.

**Risposta tal-attur appellat Michael Bugeja**

L-attur appellat ipprezenta r-risposta tieghu fit-30 ta' Gunju 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-mertu u tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**Appell incidentali tal-attur**

L-attur appella incidentalment minn din is-sentenza billi jsostni li ma kellu jehel ebda spejjez, billi hu kien iggwidat bil-ligi, senjatament bl-Artikolu 747(1) tal-Kap. 12 fejn hemm stipulat li f'kaz ta' incertezza, l-kawza trid bilfors tigi intavolata quddiem il-Qrati Superjuri, tant hu hekk li l-ewwel Qorti kienet cahdet eccezzjoni mressqa mill-konvenut f'dan is-sens. Ghalhekk l-attur talab li s-sentenza tigi kkonfermata in kwantu ddikjarat lill-konvenut Michael Bugeja responsabbili ghall-incident mertu tal-kawza, u tvarja l-ammont likwidat, kif ukoll il-kap tal-ispejjez. Bl-ispejjez kollha ghall-konvenut appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ta' natura procedurali stante li qieghed jigi sottomess illi l-ewwel

Qorti naqset li tikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk is-sentenza hija nulla fil-parametri tas-subinciz (1)(c) tal-Artikolu 789 tal-Kap. 12. Issa dan l-artikolu jiprovvdi li l-eccezzjoni ta' nullita` tal-atti gudizzjarji tista' tinghata - *(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat.*

Il-konvenut jikkontendi li skond l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi deciza b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu, u ghalhekk in-nuqqas ta' decizjoni mill-ewwel Qorti fuq din l-eccezzjoni tikkostitwixxi nullita` minhabba difett ta' forma.

F'dan ir-rigward l-Artikolu 790 tal-Kap. 12 jiddisponi li:-
"*Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb il-quddiem eccezzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita` tal-persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel Qorti tkun extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq*."

Dan ifisser li sentenza mhux necessarjament tkun nulla jekk il-Qorti tonqos milli tikkonsidra xi eccezzjoni sollevata jekk dik l-istess sentenza tkun sostanzjalment gusta. Dan japplika wkoll meta l-eccezzjoni tkun titratta dwar il-preskrizzjoni li mhix espressament eccettwata ghall-non-applikazzjoni tal-Artikolu 790[15]*.* (ara **App. Inf. Camilleri v. Calleja** 20 ta' Jannar 2003).

Ghalhekk din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, qabel tiddeciedi dwar il-punt tan-nullita` trid tiddeciedi qabel xejn dwar il-gustizzja sostanzjali tas-sentenza appellata, billi tindaga dwar il-meritu u l-motivazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

---

[15] Ara emenda ta' dana l-artikolu bl-Att XXIV tan 1995.

Jirrizulta bhala fatt inkontestat fil-kaz in ezami li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha injorat kompletament l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u ma ddecidietx dwar l-istess fis-sentenza taghha, u dan nonostante li din l-eccezzjoni giet ampjament kontestata u ttrattata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-10 ta' Jannar 2008. Eccezzjoni bhal din kienet tista' talvolta tidderimi l-azzjoni attrici, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tinjoraha qiesu ma nghatatx.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li s-sentenza giet deciza bhallikieku t-tieni eccezzjoni ma tezistix hu indikattiv li s-sentenza appellata ma tistax lanqas tkun gusta fis-sustanza taghha (ara sentenza **App. Civ. Sammut et v. Vella**, App. 21 ta' Marzu 1988).

Inoltre r-rimedju suggerit mill-attur appellat ai termini tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 (procedura *ab omissa decisione*) mhux applikabbili f'dan il-kaz billi l-ewwel Qorti ma naqsitx milli tiddeciedi xi talba, imma injorat li tepura eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li mhix l-istess haga.

Lanqas ma hi fondata l-osservazzjoni tal-attur li billi l-konvenut naqas li jressaq provi fuq din l-eccezzjoni l-Qorti kellha tinjoraha. Fil-fehma tal-Qorti la darba l-eccezzjoni giet sollevata u ma gietx irtirata, l-ewwel Qorti kellha tiddecidieha, aktar u aktar meta din giet trattata *funditus* fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur stess, kif diga` osservat.

Dan stabbilit, ghalhekk, din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla billi ma hijiex sostanzjalment gusta u li, kif irid l-Artikolu 730 tal-Kap. 12, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi deciza b'kap separat jew flimkien mas-sentenza fil-meritu.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, fl-ewwel lok tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut, billi tilqa' l-istess, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel

Qorti fit-8 ta’ Mejju 2008, u in konsiderazzjoni ghall-principju tad-*doppio esame*, tirrinvijja l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni skond il-ligi fuq l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni u, okkorrendo, fil-meritu. Fit-tieni lok, in vista ta’ dak appena deciz, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-appell incidentali tal-attur. L-ispejjez tal-appell jitbatew, fic-cirkustanzi, b’mod indaqs mill-partijiet. L-ispejjez tal-appell incidentali jbatihom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------